**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu 2020**

**Talba Nru: 137/19 CZ**

**Darmanin Footwear Limited**

**vs.**

**Dr. Kurstein Nicholas Sant fil-kapacita' tieghu ta' President ta' Siggiewi Basketball Club u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2020 isem il-konvenut inbidel ghal dak ta' Alan Borg (ID 406080 (M) fil-kapacita' tieghu ta' Segretarju ta' Siggiewi Basketball Club**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Gunju 2019 fejn premettiet:

Illi s-socjeta' esponenti ssupliet merce sportiva lill-ghaqda intimata, ghal liema merce jonqos jithallas bilanc ta' €4481.86 kif jirrizulta mill-istatement of account hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut.

Illi l-esponenti interpellat lill-intimata sabiex thallas din is-somma dovuta permezz ta' ittra ufficcjali numru 987/2019 imma xorta wahda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghda titlob lil dana l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna lill-ghaqda intimata thallas is-somma ta' €4,481.86 oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 987/2019 u tal-mandat ta' sekwestru numru 793/19 u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

It-Tribunal;

Ra illi l-konvenut nomine gie debitament notifikat u ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 xehed Karl Borg in rapprezentanza tal-klabb konvenut, li kkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa u ghadu dovut lilha mill-klabb konvenut.

Ra li in vista ta' dak li xehed Karl Borg, is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza.

Ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha.

Wara dak dikjarat mir-rapprezentant tal-klabb konvenut, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, u jordna lill-konvenut Alan Borg nomine jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, erba' mija u wiehed u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€4,481.86), flimkien mal-imghax mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut nomine.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur